Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
*parva non iners*

# Rapport Amministrattiv 2021

*imħejji minn Antonia Demicoli,* ***Segretarju Eżekuttiv***

# 1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn 1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop matul dawn it-tnax-il xahar. Dan ir-rapport joffri wkoll informazzjoni dwar il-ħsibijiet tal-Kunsill ta' Ħal Kirkop għas-sena 2022.

Is-sena 2021, bħas-sena 2020, kompliet toffri sfidi differenti minħabba l-pandemija tal-Covid-19, pandemija li ħasdet lid-dinja kollha. Matul din is-sena għalkemm b'mod differenti, ma jfissirx li l-Kunsill ma kienx attiv u ma kienx qiegħed jaħdem bi sħiħ u jħejji pjanijiet għall-futur. Nemmen illi bis-sitwazzjoni preżenti u bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop għandu, il-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibbli biex jara li Ħal Kirkop jingħata l-ġieħ li jixraqlu u l-ambjent tiegħu jinżamm fl-aħjar stat ta' ndafa possibbli.

Matul din is-sena tkomplew diversi diskussjonijiet li l-frott tagħhom beda u ser ikompli jidher matul is-snin li ġejjin. Bla dubju ta' xejn, l-akbar sfida li għandu l-Kunsill hija li jiżgura li jkompli joffri s-servizzi eżistenti filwaqt li jipprovdi servizzi oħra ġodda, bl-aħjar mod possibbli.

# 2. Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop jirrappreżenta 2,400 resident u huwa magħmul minn ħames Kunsilliera eletti. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha tal-Att XV dwar Kunsilli Lokali Kap. 363, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' żewġ impjegati - Uffiċjal Eżekuttiv u Skrivan.

Apparti l-ħaddiema tal-Uffiċċju, il-Kunsill jimpjega wkoll Ġardinar Part-time biex jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-ġonna u s-*soft areas* kollha madwar Ħal Kirkop. Il-Kunsill għad għandu wkoll l-għajnuna minn żewġ impjegati tal-RSSL li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità.

Matul is-sena 2021, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop ma kellux Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ, dan wara li s-Sinjorina Francesca Tabone kienet irriżenjat mill-kariga fl-2020, meta hija għalqet tmintax-il sena, peress li wieħed ikun jista' jokkupa din il-kariga sa din l-età.

Is-sena 2021, timmarka t-tmiem tat-tieni u l-bidu tat-tielet sena tad-disa' leġislatura, wara li fil-25 ta' Mejju, 2019, saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Id-disa' leġislatura bdiet il-ħidma tagħha fl-1 ta' Lulju, 2019 u hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2024.

## 2.1 Il-Membri tal-Kunsill

Fis-sena 2021, il-Kunsill ta' Ħal Kirkop kien kompost kif jidher fit-tabella hawn taħt.



## 2.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera

Mal-bidu tal-leġislatura, wara l-ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku, is-Sindku jiddiskuti mal-Kunsilliera kollha u jiġi deċiż it-tqassim tar-responsabilitajiet lil kull Kunsillier, skont kif elenkati fl-Erbatax-il Skeda. Apparti dawn, il-Kunsilliera għandhom ukoll responsabilitajiet oħra li għandhom x'jaqsmu b'mod dirett mal-Kunsill ta' Ħal Kirkop. Ir-responsabilitajiet ta' kull Kunsillier jidhru fit-tabella hawn taħt.



## 2.3 Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill tad-Disa' Leġislatura, iltaqa' tlettax-il darba fejn l-attendenza kienet tajba u regolari.

L-attendenza tal-Kunsilliera bejn Jannar u Diċembru 2021 tidher fit-tabella hawn taħt.




| Laqgħat Nru. 24-37 | Terence Agius | Joseph Schembri | John Luke Cassar | Ritienne Caruana | Cody Galea |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 13/13 | 13/13 | 13/13 | 13/13 2 skużata | 13/13 |

## 2.4 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena 2021 saru 13-il seduta tal-Kunsill, li jinkludu żewġ laqgħat li saru b'urġenza. Waqt dawn il-laqgħat ġew imressqa 78 mozzjoni. Saret korrispondenza vasta ma' diversi entitajiet u anke diversi laqgħat oħra ta' diskussjoni ma' Ministeri u Dipartimenti b'risq il-lokalità.

Ġew iproċessati wkoll 551 permess dwar xogħlijiet varji fil-lokalità. Dawn il-permessi kienu jinkludu krejnijiet, *hi-ups*, *scaffolding*, tqegħid ta' *skips* u attivitajiet.



# 3. Ilmenti u Suġġerimenti

L-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb l-ilmenti kollha li jidħlu fl-uffiċċju tal-Kunsill, liema lmenti jiġu rrapurtati lill-awtoritajiet u kuntratturi kkonċernati. Matul is-sena 2021 il-Kunsill irċieva madwar 214 ilment. Il-maġġoranza tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li persentaġġ żgħir baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2021, minħabba raġunijiet diversi. Il-Kunsill jaħdem bi sħiħ biex l-ilmenti tar-residenti jiġu indirizzati u solvuti mill-aktar fis possibbli.

It-tabella hawn taħt tagħti stampa ċara tal-ilmenti kif imqassma skont il-kategorija għas-sena 2021.

Ilmenti 2021



## 3.1 Komunikazzjoni u Kuntatt mar-Residenti

F'Jannar 2022 saret il-laqgħa annwali tal-lokalità għas-sena 2021, li għaliha jistgħu jattendu dawk kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali. Infatti, din tal-lum hija t-tieni laqgħa annwali li qed issir b'rabta mas-sena 2021. Din qed issir wara li l-emenda fil-liġi tal-Kunsilli Lokali talbet li jsiru żewġ laqgħat annwali, waħda f'Diċembru u oħra f'April.

Il-Kunsill jorganizza wkoll laqgħat mar-residenti fejn tkun tinħass il-ħtieġa li jiġu diskussi materji li jolqtu lil xi akwata. Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel laqgħat bħal dawn meta jkun ser jimplimenta jew jagħmel pjanijiet fuq ristrutturar ta' partijiet mir-raħal.

Kull meta l-Kunsill iħoss il-bżonn li jaqsam informazzjoni mar-residenti, dan isir billi jitqassmu ittri fid-djar u apparti hekk jagħti l-informazzjoni fin-*notice boards* li għandu mdawrin mar-raħal.

Il-Kunsill għandu wkoll paġna uffiċjali fuq il-mezz elettroniku tant popolari, Facebook, bl-isem Ħal Kirkop Local Council, fejn wieħed jista' jara *updates* regolari dwar attivitajiet, servizzi, korsijiet, ritratti u informazzjoni oħra ta' interess kemm lokali u kif ukoll ġenerali.

Is-servizzi normali jingħataw mill-Uffiċċju tal-Kunsill, 31, Triq San Benedittu, mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul il-ġurnata u nhar ta' Sibt filgħodu. Matul il-ġimgħa il-Kunsill qed ikun magħluq mis-1.00pm sas-1.30pm għall-ħin tal-*break* tal-ħaddiema.

Il-Kunsill jinsab ferm sodisfatt li għalkemm ħafna postijiet kienu magħluqa u ma baqgħux jagħtu servizz matul il-pandemija, il-Kunsill baqa' miftuħ għall-pubbliku u baqa' għaddej bil-ħidma tiegħu b'risq ir-residenti u l-lokalità. Hawnhekk wieħed jirringrazzja lill-ħaddiema li baqgħu jidħlu l-uffiċċju biex ikunu ta' servizz sħiħ fil-komunità.

## 3.2 Xogħol imwettaq mill-Kunsill

Il-Kunsill kontinwament jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq sinjali u tabelli tat-traffiku. Apparti l-manutenzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku, il-Kunsill jaħdem ħafna fuq *areas* li jkollhom bżonn jiġu rranġati biex isiru aktar sikuri, kemm għall-pedonali u kif ukoll għas-sewwieqa. Eżempju ta' dan huwa l-pjan li sar, ġie diskuss mar-residenti u tressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta biex Triq il-Kbira issir *one way*. Wara ħafna diskussjonijiet din l-approvazzjoni ħarġet u x-xogħol ta' tabelli u sinjali tat-traffiku sar kollu. Il-Kunsill issa qed jistenna li Infrastracture Malta tagħmel il-wiċċ tat-triq bit-tarmak u tirranġa l-bankina ta' din it-triq, peress li din it-triq qegħda fil-lista approvata ta' toroq li ser isiru f'Ħal Kirkop.

Il-ġardinar tal-Kunsill qed jieħu ħsieb li l-manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* tinżamm fi stat tajjeb. F'Misraħ iż-Żerniq ġiet irranġata s-sistema tal-irrigazzjoni u tħawwlu pjanti u siġar ġodda. Komplew jitħawwlu aktar fjuri fis-s*oft areas* ta' Triq San Benedittu, Triq Valletta k/m Triq San Pietru, Triq Dun Ġużepp Barbara, Ġnien Rousset u madwar ir-raħal.

Inħadmu pots ġodda mill-ħaddiema tagħna biex sar tisbiħ fl-area ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill u tal-Iskola Primarja fi Triq San Benedittu. Twaħħlu wkoll bins u bankijiet ġodda. Dan biex kompla jikkumplimenta max-xogħol li sar fuq ir-*railing* tat-taraġ u r-rampi taż-żewġ entraturi tal-Iskola Primarja. Dan it-tisbieħ sar bl-għajnuna tar-Reġjun Nofsinhar li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop kien jagħmel parti minnu sal-aħħar ta' Diċembru tas-sena 2021. Saru wkoll pots ġodda f'Misraħ San Leonardu biex din il-pjazza tkompli tingħata dehra isbaħ u tinżamm fi stat tajjeb kif jixraqilha l-pjazza ewlenija tal-lokalità.

Ix-xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità kollha jsir b'mod regolari mill-ħaddiema tal-RSSL assenjati mal-Kunsill. Dan ix-xogħol jinkludi traqqiegħ tat-toroq, irranġar ta' bankini u kurduni, bdil ta' kaptelli, manutenzjoni fuq *bollards* u *railings*, tikħil u żebgħa ta' diversi ċnut u *planters*, żebgħa u manutenzjoni fuq bankijiet u *bins*, tindif ta' *culverts* tal-ilma tax-xita u manutenzjoni ġenerali fuq il-binjiet tal-Kunsill.

Permezz tal-kuntrattur tad-dawl u f'każijiet minnhom permezz ta' l-Enemalta, matul is-sena jinbidlu u ssir il-manutenzjoni ta' ammont konsiderevoli ta' bozoz madwar il-lokalita' kollha.  Twaħħlu wkoll bozoz ġodda fejn kienet tinħass il-ħtieġa, dejjem bil-ħsieb li Ħal Kirkop ikun aktar sikur għar-residenti tiegħu.









## 3.3 Xogħol biex inżommu l-lokalità nadifa

Matul is-sena 2021 il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop kompla għaddej bil-ġbir ta' skart organiku. Il-ġbir ta' skart organiku qed isir kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa u jidher li ħafna mir-residenti qed jagħżlu l-iskart organiku tajjeb ħafna. Sfortunatament matul is-sena 2021, il-WasteServ ma baqgħax jipprovdi l-boroż il-bojod għal ġbir ta' skart organiku, r-residenti ħassew ħafna dan in-nuqqas u l-Kunsill irċieva diversi lmenti dwar dan il-fattur. Xorta waħda jidher li l-maġġoranza tar-residenti qed jimxu tajjeb mal-iskeda ta' ġbir ta' skart.

Barra l-iskart organiku l-Kunsill jiġbor ukoll l-iskart domestiku, dak tal-borża s-sewda. Il-ġbir tal-borża s-sewda qiegħed isir tlett darbiet fil-ġimgħa, nhar ta' Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt.

Darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u Ġimgħa, jinġabar l-iskart riċikalt, jew kif inhu aktar magħruf 'tal-borża l-ħadra'. Il-boroż il-ħodor, pprovduti minn GreenPak tqassmu darbtejn matul is-sena 2021, jiġifieri f'Jannar u f'Lulju. Sfortunatament, l-iskemi infurmaw ukoll li għalissa mhux ser ikunu qed jagħtu aktar boroż b'xejn lir-residenti. Dan ukoll ħoloq ħafna tgergir fost il-pubbliku inġenerali.

Ma ninsewx ukoll li kull nhar ta' Ħamis, il-Kunsill joffri s-servizz ta' ġbir ta' skart goff *(bulky refuse)* u skart tal-ġnien, minn wara l-bieb. Matul is-sena 2021 il-Kunsill kellu 1323 talba mir-residenti biex jinġabar skart goff *(bulky refuse)* minn wara l-bibien residenzjali. Kull min ikollu bżonn jagħmel użu minn dan is-servizz għandu jċempel fl-uffiċċju tal-Kunsill biex jingħata appuntament.

Apparti hekk il-Kunsill jiġbor ukoll tappijiet tal-flixken tal-plastik, batteriji użati u bozoz maqtugħin, dejjem bil-ħsieb li nżommu l-ambjent ta' madwarna fl-aħjar mod possibbli filwaqt li tingħata għajnuna lil dawk fil-bżonn. It-tappijiet tal-plastik jinġabru minn GreenPak fil-kampanja 'Nirriċikla għall-Istrina' fejn tingħata donazzjoni għall-Istrina.

Il-Kunsill jiġbor ukoll bozoz u batteriji biex jintremew kif suppost peress li dan huwa skart perikoluż. Il-Wasteserv joffru wkoll servizz tal-Kerb Side Truck, fi Triq San Benedittu, biex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jarmu skart li ma jinġabarx regolarment b'mod mill-aktar faċli. Dan is-servizz ser jibqà jingħata kull raba' tlieta tax-xahar.

Għalkemm il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu biex il-lokalità ta' Ħal Kirkop tkun fost l-aktar lokalitajiet nodfa fil-pajjiż, xorta waħda għad hemm nies irresponsabbli li jħammġu bla skruplu. Dawn jinkludu –

- ħruġ ta' skart meta mhux suppost;
- ħruġ ta' skart wara li jgħaddi l-kollettur; u
- wħud li joħorġu bil-klieb tagħhom u ma jiġbrux il-ħmieġ li jħalli.

Il-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex dawk 'il ftit li għadhom iħammġu, jinqabdu, biex ikun żgurat li r-raħal tagħna jibqa' wieħed mill-aktar irħula nodfa f'Malta.

Apparti hekk, kull sena il-Kunsill iwaħħal *dog litter bins* u litter bins ġodda. Dan sabiex ikompli jgħin biex il-lokalità tinżamm fl-aħjar stat ta' ndafa possibbli.





## 3.4 Xogħol ieħor imwettaq mill-Kunsill

Wara diversi diskussjonijiet l-Kunsill iddeċieda li jneħħi l-arbli li kien hemm fuq il-bejt tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Dan għaliex dawn ma kienux tajbin u minħabba l-istruttura kif inhi mibnija ma setgħax isir arblu ikbar fuq il-bejt. Għaldaqstant ġie deċiż li jsiru tlett arbli fil-gallarija tal-Kunsill biex jagħtu prominenza lil din il-binja.

Bħall-kull sena, il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li ssir manutenzjoni fuq il-bankijiet u l-bins madwar ir-raħal, kif ukoll manutenzjoni kontinwa fuq l-uffiċini tal-Kunsill.

Kif semmejt aktar kmieni, wara li saret rampa ġdida għal-librerija biex din tkun aċċessibbli għal kulħadd, fil-bidu tas-sena 2021, sar l-irħam tat-taraġ tal-istess daħla u ġie ordnat ukoll ħadid għal dan it-taraġ u għar-rampa. Biex jikkumplimenta miegħu, ġie ordnat ukoll ħadid ġdid għat-taraġ u r-rampa tal-Iskola. Dawn jagħmlu parti minn proġett ta' tisbieħ fl-area tal-Kunsill u tal-Iskola Primarja.

Il-Kunsill jgħin lill-Iskola Primarja fil-ħlas tas-sħubija fin-Nature Trust Malta, l-entità li tieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' premju b'risq l-ambjent. Dan il-premju huwa magħruf bħala l-Green Flag u l-Kunsill iħossu ferm onorat li l-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop rebħu dan l-unur prestiġġjuż konsekuttivament minħabba li eċċellaw fit-tagħlim u azzjonijiet favur l-ambjent.

Il-Kunsill ħa sehem ukoll fi skema maħruġa mill-*Animal Health and Welfare Department* biex seta' jagħti għajnuna lill-*cat feeders* f'Ħal Kirkop. Dan billi inxtara ikel għall-qtates li hawn fit-toroq u kif ukoll ingħata servizz ta' veterinarju, neutering u ħlas tal-mediċina tal-istess qtates. Dan jawgura tajjeb biex il-qtates li hawn fil-lokalitá jinżammu fi stat ta' saħħa tajba, titnaqqas ir-riproduzzjoni u hekk il-*feeders* ikollhom aktar kontroll fuq il-qtates li jitimgħu u jieħdu ħsieb.

Il-Kunsill dejjem emmen li l-qari huwa importanti ħafna u għaldaqstant kontinwament jinvesti f'kotba fil-librerija tal-iskola billi jixtri kotba ġodda għall-użu ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-qari.

Wara li f'Marzu 2020 il-Kunsill ta' Ħal Kirkop, ħa l-inizjattiva u kien l-ewwel Kunsill li kellu sistema tal-permessi *online*, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ra li din kienet sistema tajba ħafna, tant li daħħalha fil-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Għawdex. Matul is-sena 2021 saru *upgrades* fuq din is-sistema u l-Kunsill kompla għaddej itejjeb l-operat tiegħu b'sistemi kompjuterizzati li jgħinu biex il-pubbliku jinqeda' aktar malajr, anke mill-kumdita ta' daru.

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll biex jgħin lill-komunità koppija billi għamel donazzjoni ta' żewġ *projectors* lill-parroċċa. Dawn biex ikunu jistgħu jintużaw mill-għaqdiet lokali li jagħmlu użu mid-Domus għal-laqgħat diversi li jsiru hemmhekk.

Kif wieħed jista' jaħseb, hemm ħafna aktar xogħol li daħal fir-rutina tal-Kunsill u diffiċli li jissemma kollox f'dan ir-rapport qsajjar.





## 3.5 Xogħol ieħor

Matul is-sena 2021 Infrastracture Malta iffinalizzat ix-xogħol ta' tarmak fi Triq Valletta, Triq ir-Ramlija u Triq San Pietru. Dan wara pressjoni sħiħa li saret kontinwament mill-Kunsill. Jonqos biss xi xogħlijiet żgħar u għaldaqstant il-Kunsill jibqa' jipressa biex dan ix-xogħol isir kemm jista' jkun malajr biex jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti u għall-pubbliku inġenerali.

F'Diċembru 2021, għas-sitt sena konsekuttiva, il-President ta' Malta għoġbu jagħżel il-lokalita' ta' Ħal Kirkop biex mill-Kumpless Sportiv tiġi trasmessa L-Istrina, appuntament nazzjonali, l-għada tal-Milied, fejn jinġabru fondi b'risq il-*Community Chest Fund*.



# 4. Attivitajiet matul is-Sena

Minħabba l-pandemija tal-Covid-19, din is-sena l-Kunsill ma setgħax jorganizza l-attività annwali li kulħadd ikun qed jistenna, jiġifieri l-Irkottafest. Din ser tibqa' mniżżla fil-kalendarju tal-Kunsill biex malli tgħaddi l-pandemija l-Kunsill ikun jista' jkompli jaħdem biex l-attività ssir u tkun suċċess kbir.

F'Settembru, studenti mill-MHSA żaru l-uffiċċju tal-Kunsill fejn offrew Health Checks lir-residenti. Kull min kien interessat seta' jiġi fl-uffiċċju tal-Kunsill u hawnhekk issirlu check up bażika. Dan is-servizz intlaqa' tajjeb ħafna minn dawk kollha li għamlu użu minnu u fl-istess waqt l-istudenti kellhom esperjenza tajba fil-kommunità.

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill irrappreżentat lil-lokalità fil-Portugal fuq proġett Ewropew bit-tema 'Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future'. Dan kien il-bidu ta' laqgħat biex Ħal Kirkop jingħata promozzjoni 'l barra minn xtutna. Infatti, t-tieni laqgħa ta' dan il-proġett saret fi Frar 2022 f'Ħal Kirkop u għalija attendew delegazzjonijiet mill-Portugal, Greċja, Latvia, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkia, il-Lithuania, Spanja, Franza u l-Estonja. Il-parteċipanti kellhom laqgħat fil-bini amministrattiv tal-Kunsill u żaru wkoll il-wirt kulturali li din il-lokalità toffri. Żaru wkoll iż-żewġ każini tal-baned fejn missew il-wirt intanġibli li Malta hija mogħnija bih, il-festi fl-irħula.

Apparti din iż-żjara, f'Ottubru l-Kunsill kien mistieden f'Ali Terme, Sqallija fuq proġett ieħor, din id-darba bit-tema 'Citizens Together to Promote Solidarity in time of crises'. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom il-pajjiż minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Il-pajjiżi kollha qasmu flimkien l-esperjenzi tagħhom li għalkemm kollha għaddew mill-istess pandemija, din laqgħtet lil kulħadd b'modi differenti. Ġew diskussi l-aħjar prattiċi użati biex wieħed ikun jista' jitgħallem mingħand l-ieħor u jaħdem aħjar b'risq ir-residenti tal-lokalità tiegħu.

F'Ottubru, minkejja li ma setgħux isiru attivitajiet marbuta mal-Pink October, il-ħaddiema tal-Kunsill libsu flokk li jfakkar din il-kampanja biex jgħin biex jinħoloq aktar għarfien dwar l-importanza li wieħed jiċċekkja lilu nnifsu u jagħmel it-testijiet meħtieġa biex jitnaqqas il-mard tal-kanċer tas-sider.

Fil-21 ta' Novembru, 2021, il-Kunsill bl-għajnuna tal-għaqdiet lokali, kien parti mill-President's Solidarity Fun Run li għall-ewwel darba saret fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex. Għalkemm lokalità żgħira, kienu diversi dawk li ingħaqdu magħna għal din il-mixja b'risq il-Malta Community Chest Fund.

L-attività tal-Milied 'GIGANTIC – Kirkop's Local Christmas Market' ukoll kellha tiġi sospiża din is-sena minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Biss malli bdew jiġu rilaxxati l-miżuri il-Kunsill ħaseb biex jorganizza l-festin tal-Milied li jsir għall-familji Koppin. Il-Kunsill tkellem mad-Dipartiment tas-Saħħa biex din l-attività tkun skont ir-regoli maħruġa minn naħa tagħhom. Dawk li attendew ħadu gost ħafna għax ilkoll kienu ħassew in-nuqqas ta' soċjalizzazzjoni li dawn l-attivitajiet joħolqu. Kien festin suċċess.

Apparti hekk bl-għajnuna ta' fondi mir-Reġjun Nofsinhar, l-għaqdiet tal-festi tar-raħal ingħataw fondi biex setgħu jagħmlu tiżjin tal-Milied minn Misraħ San Leonardu sa Triq San Benedittu. Hekk setgħet tinħoloq ftit atmosfera sabiħa tal-Milied, liema atmosfera għenet f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li jallegra t-toroq ta' Ħal Kirkop billi fl-16 ta' Diċembru, Father Christmas dar mat-toroq kollha jferraħ lin-nies li bi ħġarhom ħarġu fit-twieqi u gallariji jagħtuh merħba. Kienet attività ħelwa li ħolqot tbissima fuq l-uċuħ tat-tfal u anke tal-kbar.

# 5. Finanzi

L-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2021 kienet ta’ €254,364. Sa l-aħħar ta’ Diċembru 2021 kien hemm ukoll dħul ieħor li jammonta għal €122,452. In-nefqa għas-sena 2021 kienet tammonta għal €360,909. Dawn il-figuri qed jingħataw sa l-aħħar ta’ Diċembru 2021 skont l-Istqarrijiet Finanzjarji Awditjati għas-sena 2021. Sal-aħħar ta’ Diċembru 2021 il-Kunsill għalaq b’*Financial Situation Indicator* li kien jilħaq 29.29%. Biex wieħed ikollu stampa eżatta tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-Kunsill wieħed ikun jista’ jara l-*Audited Financial Statements* li jkunu *on-line* fuq is-sit www.localgovernment.gov.mt

Għas-sena 2022 l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali hija ta’ €261,782, jiġifieri żieda ta’ 4.32% fuq is-sena 2021.

Ħal Kirkop Local Council — Annual Report
Financial Statements for the year ended 31 December 2021

**Statement of Profit or Loss and Other Comprehensive Income**

| | Notes | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|---|
| **Income** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | **305,189** | 272,171 |
| Investment Income | 4 | **0** | 3 |
| Income raised under Local Enforcement System | 5 | **1,570** | 984 |
| General Income | 6 | **70,057** | 34,820 |
| | | **376,816** | 307,978 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal emoluments | 7 | **113,355** | 105,656 |
| Operations and Maintenance | 8 | **146,506** | 150,114 |
| Administrative and other Expenditure | 9 | **101,048** | 114,829 |
| | | **360,909** | 370,599 |
| **Surplus/(Deficit) for the year** | | **15,907** | (62,621) |
| **Total comprehensive income/(expense) for the year** | | **15,907** | (62,621) |

# 6. Pjanijiet għall-Futur

Matul l-2022 il-Kunsill ser ikun qed jaħdem biex dak kollu mibdi fl-2021 jitkompla u jintemm.

Fost dawn, il-Kunsill qed jaħseb dwar programmi sportivi fl-*open gym* biex dan il-proġett li sar matul l-2018 jintuża fl-aħjar mod possibbli mill-kommunità Koppija u minn dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-isport u s-saħħa fiżika.

Wara li l-Kunsill ġab il-permessi meħtieġa biex il-bitħa tal-Kunsill tkun tista' tiġi utilizzata aktar, l-Kunsill ħadem fuq l-entratura biex din tkun aktar aċċessibbli. Dan ix-xogħol tlesta fl-2021 u matul l-2022 beda xogħol fuq il-grada. Apparti hekk, matul is-sena 2021 saret applikazzjoni biex fl-istess bitħa tinħadem kamra fejn tinżamm l-għodda tal-Kunsill. Il-Kunsill qed jistenna l-permess ta' żbilupp biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir matul is-sena 2022.

Il-Kunsill ser ikun qed jaħdem ukoll fuq ir-ristrutturat u tisbiħ ta' Ġnien Rousset. Il-Kunsill ser ikun qed jiddiskuti ma' Ministeri biex jistħarreġ il-possibilita ta' għajnuna biex ikun jista jitwettaq dan il-proġett. Dan għall-fatt li s-somma biex issir din ir-rikostruzzjoni hija kbira u żgur li mill-baġit tal-Kunsill dan m'huwiex possibbli.

Il-Kunsill infurmat li l-permess għar-Restawr tal-Arkata ta' San Ġakbu issa ħareġ u għaldaqstant dan ir-restawr ser jitwettaq matul is-sena 2022. Dan minkejja d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom il-Kunsill meta d-Dipartiment tar-Restawr beda jaħdem fuq il-loġistika ta' dan il-proġett.

Il-Kunsill beda wkoll bil-ħidma biex il-bring-in sites li hemm fi Triq il-Barrieri jiġu rilokati għal Triq ir-Ramlija. Il-Kunsill diġa installa *cameras* tas-sigurta u għandu l-preparamenti kollha biex ix-xogħol jibda f'Ġunju 2022.

Il-Kunsill beda diskussjonijiet ma' Parks Malta dwar proġett ta' tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani. Saret ukoll applikazzjoni għall-fondi biex isir lift biex il-planka fejn jitilgħu biex jieħdu r-ritratt tkun aċċessibbli. Id-diskussjonijiet qed jitkomplew mal-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli biex dan il-proġett ikun jista' jsir realta.












# 7. Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku, Viċi Sindku, lill-Kunsilliera, lill-impjegati tal-uffiċċju u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill tal-kollaborazzjoni tagħhom.

Ix-xogħol imwettaq mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop kien maħsub u ippjanat bil-kollaborazzjoni u l-ħidma ta' kulħadd.

Il-Kunsill ser ikompli jaħdem u jagħmel dak kollu possibbli biex jara li l-lokalità ta' Ħal Kirkop tibqa' waħda mill-aqwa lokalitajiet fin-Nofsinhar ta' Malta.

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

*April, 2022*